C/2026/3925

1.9.2026

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Lulju 2026

dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarja tal-Italja

(C/2026/3925)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-objettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jevita defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1176/oj).

(2) Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2026 tal-Italja. Fl-istess data, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih identifikat lill-Italja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026, li tanalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ([3]) fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.

(3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Minn mindu ġiet ippubblikata, il-Boxxla għall-Kompetittività informat il-ħidma tas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-UE, u li jinħoloq approċċ unifikat għall-governanza ekonomika li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

(4) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jiżviluppa flimkien mal-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ([4]). Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti u żviluppati r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(5) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għall-Italja. Dan evalwa l-progress li għamlet l-Italja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u evalwa l-implimentazzjoni tal-RRP mill-Italja. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa l-Italja. Ivvaluta wkoll il-progress li għamlet l-Italja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

([3]) ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj.
([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

(6) Il-Kummissjoni wettqet rieżami fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Italja. Is-sejbiet ewlenin tal-valutazzjoni tal-persunal mill-Kummissjoni tal-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi għall-Italja għall-finijiet ta' dak ir-Regolament ġew ippubblikati fl-20 ta' Mejju 2026 ([5]). Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Italja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, l-Italja qed tiffaċċa vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn għoli tal-gvern u tkabbir dgħajjef fil-produttività, li għandhom rilevanza transfruntiera, jippersistu, u l-implimentazzjoni kontinwa u effettiva ta' riformi u investimenti li jsaħħu t-tkabbir, flimkien ma' pożizzjoni fiskali prudenti, tibqa' kruċjali biex jitnaqqsu dawk il-vulnerabbiltajiet. Id-dejn tal-gvern bħala sehem tal-PDG naqas wara l-pandemija iżda żdied fl-2024 u għal darba oħra fl-2025, minħabba t-tnaqqis fit-tkabbir tal-PDG nominali, l-impatt tardiv tal-krediti tat-taxxa għar-rinnovazzjonijiet tal-akkomodazzjoni tas-snin preċedenti, u d-defiċits tal-gvern li għadhom imdaqqsa. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern huwa mistenni li jkompli jiżdied fl-2026 u l-2027. Dan l-aħħar il-produttività tax-xogħol naqset u l-irkupru mistenni jkun modest fl-2026–2027, u dan ikompli jillimita t-tkabbir potenzjali tal-PDG u b'ħekk ixekkel it-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn tal-gvern. Il-banek saħħew b'mod sinifikanti l-kwalità tal-assi u l-profittabbiltà tagħhom u naqqsu s-self tagħhom li ma jrendix, iżda r-rabta kawżali għolja bejn il-banek u s-sovrani għadha ta' tħassib, peress li l-parteċipazzjonijiet tal-banek ta' dejn tal-gvern domestiku bħala sehem mill-assi tagħhom huma għoljin, speċjalment għal istituzzjonijiet inqas sinifikanti u banek kooperattivi. Is-suq tax-xogħol kompla jitjieb, iżda l-potenzjal tax-xogħol ma jidhirx li qed jiġi sfruttat bis-sħiħ. Ittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet li ilhom jeżistu iżda, minkejja l-azzjoni ta' riforma estensiva reċenti, għad iridu jimmaterjalizzaw kisbiet sinifikanti fil-produttività. Meta wieħed iħares 'il quddiem, l-implimentazzjoni kontinwa u effettiva tar-riformi u l-investimenti li jsaħħu t-tkabbir, flimkien ma' pożizzjoni fiskali prudenti, tibqa' kruċjali biex jittejjeb it-tkabbir tal-produttività u jitnaqqas il-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG.

(7) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Italja ([6]). Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2029 u jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq seba' snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta: 1,3 % fl-2025, 1,6 % fl-2026, 1,9 % fl-2027, u 1,7 % fl-2028 u 1,5 % fl-2029, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattiv massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2023 ta' - 0,7 % fl-2025, 0,9 % fl-2026, 2,8 % fl-2027, 4,6 % fl-2028 u 6,2 % fl-2029. Għas-snin 2025-2026, dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta jikkoinċidu mal-perkors korrettiv, kif irrakkomandat mill-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE fil-21 ta' Jannar 2025, bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv ([7]). Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar azzjoni effettiva tat-3 ta' Ġunju 2026 ([8]), il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għall-Italja qed tinżamm sospiża.

(8) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża ([9]) u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. L-Istati Membri xorta jistgħu jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali fi kwalunkwe ħin sal-2028, jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1263.

([5]) SWD(2026) 139 final.

([6]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Italja (ĠU C, C/2025/651, 10.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/651/oj).

([7]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Italja, adottata fil-21 ta' Jannar 2025. Id-dokumenti kollha relatati mal-proċedura ta' defiċit eċċessiv tal-Italja jinsabu hawn: Italy - Economy and Finance - European Commission.

([8]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, Is-Semestru Ewropew tal-2026 - Il-Pakkett tar-Rebbiegħa, COM(2026)200 final.

([9]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19.3.2025, C (2025) 2000 final.

(9) Fit-30 ta' April 2026, l-Italja ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2026 ([10]) tagħha dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati, l-implimentazzjoni tas-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti li jwieġbu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Italja dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241. Ir-rapport dwar l-azzjoni meħuda skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv huwa integrat fir-Rapport ta' Progress Annwali.

(10) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 0,5 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 1,7 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta li l-PDG reali jikber bi 0,5 % fl-2026 u 0,6 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP ser tkun ta' 3,2 % fl-2026 u 1,8 % fl-2027.

(11) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat ([11]), id-defiċit tal-gvern estiż tal-Italja naqas minn 3,4 % tal-PDG fl-2024 għal 3,1 % tal-PDG fl-2025 filwaqt li s-surplus tagħha żdied minn 0,5 % tal-PDG għal 0,8 % fl-2025. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit ta' 2,9 % tal-PDG kemm fl-2026 kif ukoll fl-2027. It-tnaqqis tad-defiċit fl-2026 jirrifletti prinċipalment infiq aktar baxx fuq il-krediti tat-taxxa fuq ir-rinnovazzjoni tad-djar, filwaqt li elementi oħra ta' nefqa, inkluż l-investiment pubbliku, huma mistennija li jkomplu jiżdiedu, flimkien mad-dħul mit-taxxa.

(12) Abbażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali ([12]), li tinkludi n-nefqa ffinanzjata kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll mill-UE, kienet restrittiva, b'0,3 % tal-PDG fl-2025. Hija projettata li tkun restrittiva, b'0,3 % tal-PDG fl-2026 u b'0,5 % tal-PDG fl-2027.

(13) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat ([13]), id-dejn tal-gvern estiż tal-Italja żdied minn 134,7 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 137,1 % tal-PDG fi tmiem l-2025. Iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn fl-2025 tirrifletti prinċipalment ħtiġijiet ta' self imdaqqsa relatati mal-impatt li dam ma nħass fuq il-flus tal-krediti tat-taxxa għar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni li affettwaw id-defiċits tas-snin preċedenti. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jiżdied għal 138,5 % sa tmiem l-2026 u li jiżdied aktar għal 139,2 % sa tmiem l-2027. Iż-żieda fl-2026 u fl-2027 tirrifletti prinċipalment l-impatt tal-flus kontanti li għadu lura tal-krediti tat-taxxa għar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni, filwaqt li l-impatt tas-surpluses primarji li jnaqqas id-dejn għadu limitat.

(14) Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fl-Italja ammontat għal 1,3 % tal-PDG fl-2025 u hija projettata għal 1,2 % tal-PDG fl-2026 ([14]).

([10]) Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

([11]) Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22.04.2026.

([12]) Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni bażitarja sottostanti tal-gvern estiż. Għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju ta' żmien u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

([13]) Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22.04.2026.

([14]) Id-definizzjoni tal-infiq fid-difiża tan-NATO hija differenti mid-definizzjoni tad-difiża tal-COFOG. Barra minn hekk, jista' jkun hemm differenzi minħabba ż-żmien tar-reġistrazzjoni tan-nefqa, b'mod partikolari t-tagħmir militari, peress li r-rappurtar tan-NATO ma jsegwix ir-regoli tal-kontijiet nazzjonali għaż-żmien tar-reġistrazzjoni.

(15) L-Unjoni tkompli tiffaċċa riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, l-Italja adottat miżuri ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti ([15]). Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fid-dazji tas-sisa fuq il-fjuwils b'data ta' skadenza fit-22 ta' Mejju 2026 u kreditu ta' taxxa mmirat lejn it-trasport bit-triq, is-sajd u l-intrapriżi agrikoli b'data ta' skadenza fil-31 ta' Mejju 2026. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa projettat li jammonta għal madwar 0,1 % tal-PDG fl-2026. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jammonta għal 0,3 % tal-PDG fl-2026.

(16) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fl-Italja kibret b'1,5 % fl-2025 u naqset b'0,6 % b'mod kumulattiv matul l-2024 u l-2025. It-tkabbir projettat fin-nefqa netta fl-2025 huwa ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,1 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija marġinalment ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' inqas minn 0,1 % tal-PDG f'termini kumulattivi.

(17) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fl-Italja hija projettata li tikber b'1,4 % fl-2026, u b'0,8 % b'mod kumulattiv matul l-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabbir fin-nefqa netta projettata fl-2026 huwa taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv projettata tan-nefqa netta hija wkoll aktar baxxa mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata.

(18) Ir-rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fuq terminu medju tal-Italja tispeċifika s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, flimkien ma' skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Italja fir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha, il-Kummissjoni tara li l-implimentazzjoni tal-passi ewlenin ta' dawn ir-riformi u l-investimenti li kienu dovuti sat-30 ta' April 2026 tidher li tinsab ġeneralment fit-triq it-tajba. Fir-rigward tal-pass ewlieni dovut sa Q4-2025 relatat maż-żieda fin-nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), imkejla min-nefqa fuq ir-R&Ż f'termini ta' GERD bħala sehem mill-PDG, l-aħħar statistika disponibbli tal-Eurostat tirreferi għall-2024. Madankollu, l-istimi preliminari pprovduti mill-awtoritajiet Taljani jindikaw li n-nefqa fuq ir-R&Ż f'termini ta' GERD hija mistennija li tkun laħqet 0,59 % tal-PDG fl-2025, li jissuġġerixxi li l-mira tidher li tinsab fit-triq it-tajba biex tintlaħaq. Il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, l-Italja kkonformat mal-impenji tagħha b'mod sodisfaċenti ([16]).

(19) Minkejja l-miżuri strutturali implimentati f'dawn l-aħħar snin, is-sistema tat-taxxa tal-Italja għadha tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq it-tassazzjoni tax-xogħol, li tipprovdi l-akbar kontribut għall-proporzjon tat-taxxa mal-PDG ogħla mill-medja tal-UE. Il-porzjon ta' taxxa huwa ogħla mill-medja tal-UE għal persuni waħedhom li jaqilgħu l-paga medja u inqas minnha għal dawk li jaqilgħu pagi baxxi, u ż-żewġ valuri żdiedu bi ftit fl-2025. Reġimi speċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom u l-użu dejjem jikber ta' tassazzjoni fissa temporanja fuq l-introjtu personali jagħmlu s-sistema tat-taxxa kumplessa ħafna, idgħajfu l-progressività u jnaqqru l-bażi tat-taxxa, u dan jirriżulta f'telf sinifikanti fid-dħul. Barra minn hekk, minkejja tnaqqis sinifikanti, is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent għadhom għoljin, u n-nefqiet tat-taxxa, inkluż fuq il-VAT, jintużaw b'mod wiesa'. B'mod ġenerali, it-trasferiment ulterjuri tal-piż tat-taxxa minn fuq ix-xogħol għal sorsi oħra ta' dħul mhux daqstant użati, li huma inqas detrimentali għat-tkabbir, jgħin biex jiżdied il-potenzjal ekonomiku. Barra minn hekk, it-tfassil mill-ġdid tat-tassazzjoni tal-vetturi biex tirrifletti b'mod preċiż l-emissjonijiet tas-CO2, speċjalment fi bliet b'konġestjoni qawwija, jista' jgħin fil-finanzjament ta' infrastruttura tal-mobbiltà sostenibbli, u jnaqqas id-dipendenza għolja fuq it-trasport bit-triq. Minkejja r-riforma reċenti, hemm aktar lok għat-tnaqqis tal-benefiċċji tat-taxxa għall-karozzi tal-kumpanija endotermiċi. Fl-aħħar nett, l-evażjoni tat-taxxa għadha għolja, b'mod partikolari fil-VAT u fost il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, minkejja l-kontromiżuri ambizzjużi meħuda f'dawn l-aħħar snin, inkluż skont l-RRP. Id-data mill-aġenzija tad-dħul dwar l-ewwel ħames xhur tal-2026 tindika xi riżultati pożittivi. Fl-istess ħin, miżuri reċenti simili għall-amnestiji tat-taxxa jirriskjaw li jkunu kontroproduttivi f'termini ta' konformità mar-regoli tat-taxxa.

([15]) Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

([16]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, is-Semestru Ewropew tal-2026 - Pakkett tar-Rebbiegħa, COM (2026)200 final.

(20) Il-valuri katastali għadhom ma tqarrbux b'mod sistematiku lejn il-valuri tas-suq. Madankollu, l-Italja impenjat ruħha fil-Pjan Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju (MTFSP) tagħha li taġġorna l-valuri katastali għall-proprjetajiet li għadhom mhumiex inklużi fir-reġistru u għall-bini li bbenefika minn skemi pubbliċi għall-effiċjenza enerġetika u/jew interventi ta' rinnovazzjoni tad-djar. Ir-residenzi ewlenin huma eżentati mit-tassazzjoni rikorrenti fuq il-proprjetà, għal kważi l-klassijiet kollha tal-proprjetà. Dan jirriżulta fi dħul baxx mill-proprjetà fil-livell lokali, inkluż fil-bliet li qed jiffaċċjaw sfida ta' affordabbiltà tal-akkomodazzjoni. F'madwar wieħed minn kull għaxra tal-provinċji Taljani, l-ispejjeż tal-kiri jirrappreżentaw aktar minn terz tal-pagi medji, minkejja l-eżistenza ta' kera regolata. Is-sehem tal-akkomodazzjoni soċjali huwa baxx fl-Italja, bi stokk limitat ta' akkomodazzjoni pubblika u listi ta' stennija twal ħafna. L-Italja hija kkaratterizzata wkoll minn sehem għoli ta' abitazzjonijiet mhux okkupati u preżenza għolja ta' kirjiet għal żmien qasir. Ir-responsabbiltajiet huma maqsuma bejn l-amministrazzjoni nazzjonali u sottonazzjonali, filwaqt li ma hemm l-ebda qafas ta' koordinazzjoni nazzjonali komprensiv. In-nuqqas ta' finanzjament strutturali kompla jillimita l-effettività tal-politika tal-akkomodazzjoni. Il-Gvern reċentement adotta l-Piano Casa, filwaqt li l-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tiegħu għadhom fi stadju bikri ħafna.

(21) Fis-snin li ġejjin, pressjonijiet fiskali sinifikanti huma mistennija li jkunu ta' piż fuq il-finanzi pubbliċi, inkluż l-ispejjeż li qed jiżdiedu relatati mal-iżviluppi demografiċi. B'mod partikolari, sehem sinifikanti tar-riżorsi pubbliċi huwa assorbit mill-pensjonijiet tax-xjuħija u l-kostijiet tas-servizzi tad-dejn, li jillimitaw l-ispazju fiskali għal prijoritajiet oħra. L-investiment pubbliku żdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-pandemija, appoġġat ukoll mill-RRF. Fl-istess ħin, in-nefqa fuq xi oqsma ta' politika li jsaħħu t-tkabbir, inklużi l-edukazzjoni u s-saħħa, naqset meta mqabbla mal-2019 bħala sehem mill-infiq totali. Qafas ġuridiku ġdid jirrikjedi li l-ministeri jwettqu evalwazzjoni dettaljata tal-politiki ta' nfiq fil-qafas tal-"Pjanijiet ta' Analiżi u Evalwazzjoni tal-Infiq" il-ġodda, f'konformità mal-impenji tal-MTFSP. Sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-kwalità tal-infiq pubbliku fl-Italja, ser ikun kruċjali li jiġi implimentat bir-reqqa l-qafas ta' valutazzjoni l-ġdid u li jkun hemm segwitu b'azzjonijiet ta' politika effettivi bbażati fuq ir-riżultati tal-evalwazzjoni.

(22) L-Italja hija wieħed mill-Istati Membri bl-iktar popolazzjoni anzjana, bl-inqas rata tat-twelid u bl-età tan-nisa li jwelldu l-ewwel tarbija tagħhom ogħla mill-medja. L-eżodu ta' mħuħ jippersisti b'ħafna residenti żgħażagħ bi kwalifiki għoljin li qed ifittxu opportunitajiet aħjar barra mill-pajjiż, filwaqt li l-Italja qed titħabat biex tattira u żżomm it-talent. Il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos hija aggravata minn parteċipazzjoni persistentement baxxa fis-suq tax-xogħol fost in-nisa u ż-żgħażagħ. Filwaqt li migrazzjoni legali ġestita tajjeb tista' ttaffi l-effetti fuq terminu qasir u medju tat-tnaqqis demografiku, approċċ aktar olistiku u strutturali għandu jmur lil hinn mill-inċentivi finanzjarji biex jinħoloq ambjent ta' appoġġ għat-trobbija tat-tfal permezz ta' impjiegi stabbli, politiki tax-xogħol u l-adozzjoni ta' miżuri usa' biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol fost in-nisa u ż-żgħażagħ, filwaqt li jiġi attirat u jinżamm talent ta' kwalità għolja. In-nefqa relatata mal-età hija projettata li tiżdied, u hija ta' piż fuq il-finanzi pubbliċi. Minkejja r-riforma tal-pensjonijiet tal-2011, il-proporzjon tan-nefqa tal-pensjonijiet mal-PDG għadha mistennija li tiżdied fit-terminu medju minħabba x-xejriet demografiċi, inkluż proporzjon ta' dipendenza tax-xjuħija li qed jiżdied, u l-effett tal-iskemi ta' rtirar bikri introdotti fl-2019 u mġedda fis-snin preċedenti, għalkemm dawn tal-aħħar tnaqqsu b'mod progressiv u ma ġewx imġedda fl-2026. Il-liġi tal-baġit tal-2026 introduċiet miżuri biex trawwem il-parteċipazzjoni fi skemi tal-pensjoni supplimentari li jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal adegwatezza mtejba tal-pensjonijiet, li jaġixxu bħala komplement għall-pensjonijiet pubbliċi. Madankollu, sal-lum, il-parteċipazzjoni għadha limitata (38,3 % tal-forza tax-xogħol), b'29 % biss tal-membri taħt l-40 sena u parteċipazzjoni minima ta' persuni li jaħdmu għal rashom. Fl-istess ħin, ir-rabta awtomatika bejn l-età tal-irtirar u l-istennija tal-għomor ġiet parzjalment stabbilita mill-ġdid, filwaqt li l-iffriżar taż-żieda ta' tliet xhur huwa limitat biss għal ċerti kategoriji ta' ħaddiema. Miżuri li jiżguraw is-sostenibilità tas-sistema tal-pensjonijiet jistgħu jiġu kkomplimentati minn miżuri li jiffaċilitaw iż-żamma tal-forza tax-xogħol fi stadji aktar tard, inkluż permezz ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli u politiki ta' ġestjoni speċifiċi għall-età.

(23) L-involviment sistematiku, sinifikattiv u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(24) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) fl-Italja, għadha taħt il-medja tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida ta' dawn il-programmi, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fil-prattika. L-Italja tkompli tiffaċċa sfidi fl-implimentazzjoni, minħabba kapaċitajiet amministrattivi dgħajfa, l-implimentazzjoni bil-mod ta' proġetti ta' infrastruttura, u koordinazzjoni dgħajfa bejn il-livell ċentrali, reġjonali u livelli tal-gvern oħra, b'mod partikolari f'xi oqsma ta' politika b'responsabbiltajiet kondiviżi. Dawn il-kwistjonijiet ifixklu l-progress fl-impjiegi, fil-ħiliet u fl-inklużjoni soċjali, filwaqt li jdewmu wkoll l-investimenti fil-qafas tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa jew f'akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli. Barra minn hekk, l-Italja jeħtieġ li taċċellera l-implimentazzjoni tal-JTF peress li r-riżorsi huma dovuti għall-iżborż sa tmiem l-2026. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati mill-Italja fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu ([17]), jintużaw malajr u b'mod effettiv.

(25) L-Italja qed tiffaċċa diversi sfidi relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni, it-tkabbir tad-ditti u l-finanzjament mhux bankarju, l-istrateġija industrijali, l-amministrazzjoni pubblika, il-ġustizzja u l-kompetizzjoni. Qed tiffaċċa wkoll sfidi relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima, is-setturi tal-enerġija u tal-iskart u tal-ilma kif ukoll is-suq tax-xogħol, il-ħiliet, l-edukazzjoni u s-saħħa.

(26) Il-produttività u l-potenzjal tat-tkabbir tal-Italja huma mxekkla minn investiment pubbliku u privat limitat fir-R&Ż. Meta mqabbel mal-pari tagħha fl-UE, l-appoġġ pubbliku tal-Italja għall-innovazzjoni, minkejja żieda reċenti, huwa inqas komprensiv u ġeneruż, u jibbenefika minn allokazzjoni aktar strateġika tar-riżorsi u kollaborazzjonijiet pubbliċi-privati, f'konformità mal-impenji tal-MTFSP. L-RRP u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jinkludu diversi inizjattivi biex jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn in-negozji u l-akkademja, li għadhom frammentati u nieqsa minn governanza nazzjonali koerenti. L-akkwist tal-innovazzjoni, li bħalissa huwa limitat għas-settur tad-difiża u dak ekoloġiku, jista' jkollu rwol sinifikanti fl-iżvilupp tas-swieq għan-negozji ġodda filwaqt li jagħmel in-nefqa pubblika aktar effiċjenti. Minkejja li kien hemm xi żieda fl-2025, is-sistema universitarja għandha riżorsi limitati, bl-Italja turi waħda mill-aktar ċifri baxxi għan-nefqa universitarja fost il-pajjiżi tal-OECD. Barra minn hekk, l-universitajiet u r-riċerkaturi għad għandhom inċentivi limitati biex iwettqu attivitajiet ta' valorizzazzjoni tar-riċerka u ta' trasferiment tat-teknoloġija. Il-karrieri fir-riċerka jimxu bil-mod u huma imprevedibbli. Riforma adottata fl-2025 żiedet l-għadd ta' għodod kuntrattwali għal żmien qasir u mingħajr pussess għar-riċerkaturi, bir-riskju li tkompli taffettwa l-perkors tal-karriera għar-riċerkaturi. Fl-istess ħin, l-Italja introduċiet pjan ta' reklutaġġ straordinarju bil-liġi tal-baġit tal-2026, li għandu jappoġġa l-ħolqien ta' xi pożizzjonijiet permanenti addizzjonali. Madankollu, hemm bżonn li jittejjeb l-ippjanar tar-reklutaġġ fit-tul filwaqt li jittieħdu azzjonijiet biex titħaffef it-triq tal-karriera tar-riċerkaturi. L-uffiċċji tat-trasferiment tat-teknoloġija, għalkemm qed jitjiebu, għadhom relattivament żgħar fl-iskala u ma għandhomx riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex lir-riżultati tar-riċerka jgħinuhom jissarfu f'opportunitajiet ġodda ta' negozju. Jenħtieġ ukoll li jissaħħu s-sinerġiji ma' investituri tal-kapital ta' riskju. L-Att ta' Politika Strateġika 2026–2028 dwar it-Tisħiħ tal-Għarfien u t-Trasferiment tat-Teknoloġija, ladarba jiġi adottat, jirrappreżenta pass importanti 'l quddiem bis-saħħa tal-identifikazzjoni ta' prijoritajiet ewlenin u linji strateġiċi ta' intervent.

([17]) Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

(27) It-tkabbir dgħajjef tal-produttività tal-Italja jista' jirrifletti restrizzjonijiet strutturali marbuta ma' sehem relattivament limitat ta' valur miżjud iġġenerat minn ditti kbar u l-predominanza ta' intrapriżi mikro u żgħar, spiss ġestiti mill-familja, li ma jużawx biżżejjed prattiki ta' ġestjoni professjonali, u dan ixekkel l-innovazzjoni u l-produttività. Il-politiki tat-taxxa, bħar-reġim tat-taxxa simplifikat ta' somma f'daqqa għall-mikroditti u t-trattament favorevoli tat-taxxa tan-negozji li jintirtu (li jirrikjedi żamma tal-kontroll ta' ħames snin) jiskoraġġixxu l-konsolidazzjoni u t-tkabbir. Għalhekk, l-Italja tibbenefika mill-promozzjoni tal-espansjoni ta' negozji ġodda u l-aggregazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), billi tneħħi l-ostakli regolatorji u tat-taxxa, tippromwovi maniġers professjonali esterni, ittejjeb il-ħiliet tal-maniġers, issaħħaħ l-innovazzjoni u l-aċċess għas-swieq kapitali. Ittieħdu passi pożittivi f'xi whud minn dawn l-oqsma, per eżempju permezz tal-implimentazzjoni li għaddejja tal-s.c. Legge Capitali, l-adozzjoni reċenti tal-liġi annwali għall-SMEs u l-att delegat għar-riforma tal-istart ups u l-SMEs innovattivi. It-tfaddil domestiku għoli tal-Italja, saħħa ekonomika ewlenija, jista' jkollu rwol akbar fil-finanzjament tat-tkabbir u l-innovazzjoni, billi jgħin lill-kumpaniji jespandu, jekk jiġi mobilizzat aħjar. Is-swieq kapitali tal-Italja għandhom jiġu żviluppati aktar u l-profondità u l-likwidità tagħhom għandhom jiżdiedu billi tiġi appoġġata d-domanda, jiġi mħeġġeġ l-elenkar ġdid ta' ekwità fil-borża, u jiġi promoss il-ħruġ ta' bonds korporattivi. Ir-riforma adottata reċentement tas-swieq kapitali u tal-liġi korporattiva hija pass fid-direzzjoni t-tajba. L-iskemi u l-inċentivi ta' garanzija eżistenti jistgħu jiġu ffukati mill-ġdid biex jipprijoritizzaw u jappoġġaw id-domanda għall-istrumenti tas-suq kapitali. L-aċċess għall-finanzjament mhux bankarju għadu partikolarment limitat għan-negozji innovattivi, peress li s-suq tal-kapital, speċjalment il-kapital ta' riskju domestiku, minkejja li jinsab fit-triq tat-tkabbir, għadu sottożviluppat. Dan huwa dovut b'mod partikolari għall-preżenza limitata ta' investituri istituzzjonali u korporattivi u minħabba l-ftit opportunitajiet ta' ħruġ. Filwaqt li jeżistu diversi inizjattivi li jappoġġaw l-iżvilupp tal-kapital ta' riskju u l-ekwità privata, aktar sforzi pubbliċi għandhom ikunu kkonċentrati fuq segmenti tas-suq fi stadju bikri u aktar riskjużi, kif ukoll fuq l-attrazzjoni u l-ingranaġġ ta' investituri istituzzjonali permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji u strutturi ta' fond ta' fondi b'elementi xierqa ta' tneħħija tar-riskji. Iż-żieda fil-kapaċità tal-investituri istituzzjonali domestiċi, bħall-fondi tal-pensjonijiet u speċjalment l-assiguraturi, li jinvestu fi klassijiet ta' assi b'orizzont ta' investiment itwal tista' ttejjeb l-aċċess għal finanzjament mhux bankarju.

(28) Il-produttività staġnata għadha tikkaratterizza lill-Italja, u tirrifletti wkoll distakki qawwija bejn ir-reġjuni tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar. Fin-Nofsinhar, id-daqs medju iżgħar tad-ditti u l-konċentrazzjoni fis-setturi tradizzjonali huma ta' piż fuq il-produttività, filwaqt li d-defiċits infrastrutturali jillimitaw il-kompetittività. L-Italja tibbenefika minn strateġija industrijali mmexxija mill-innovazzjoni biex tidderieġi r-riżorsi lejn setturi u teknoloġiji b'valur miżjud għoli u tippromwovi l-iżvilupp tan-Nofsinhar, b'mod partikolari billi talloka riżorsi għar-reġjuni inqas żviluppati u timmira lejn setturi strateġiċi. Filwaqt li l-White Book "Made in Italy 2030" jirrappreżenta l-ewwel pass lejn id-definizzjoni ta' strateġija industrijali, l-isfida tibqa' dik tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' politika ċari u tal-ħolqien ta' struttura ta' governanza għall-politika industrijali. It-18-il Katina tal-produzzjoni (Filiere produttive) identifikati fil-White Book, jibbenefikaw minn orjentazzjoni strateġika, inkluż enfasi fuq setturi b'valur miżjud għoli u ambitu territorjali, sabiex jiġi evitat riskju possibbli li l-isforz pubbliku jsir mhux selettiv u ineffettiv. F'konformità mal-mira tal-MTFSP, huwa meħtieġ sforz addizzjonali biex jiġu razzjonalizzati u stabbilizzati aktar minn 2 700 inċentiv nazzjonali u reġjonali u biex jiġu allokati riżorsi *ad hoc* għan-Nofsinhar. L-istrateġija industrijali tibbenefika minn koordinazzjoni aħjar mal-ippjanar tal-investiment infrastrutturali u tar-riċerka, flimkien mal-użu ta' taħlitiet ta' politika mmirati lokalment (eż. inċentivi, ippjanar spazjali u żvilupp tal-infrastruttura) biex jiġu promossi t-tkabbir industrijali u t-trasformazzjoni strutturali, speċjalment fin-Nofsinhar. Fl-aħħar nett, ser ikun meħtieġ sforz sostnut biex jiġi indirizzat id-distakk infrastrutturali persistenti tal-Italja bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, b'mod partikolari billi jiġu ffinalizzati l-proġetti fuq skala kbira mibdija taħt l-RRP u l-politika ta' koeżjoni, b'enfasi fuq l-aċċess għaż-żoni industrijali u t-titjib tal-konnettività tal-aħħar mil. L-infrastruttura tat-toroq u tal-portijiet u n-nodi loġistiċi multimodali jeħtieġu wkoll attenzjoni, flimkien mal-adozzjoni ta' Strateġija tat-Trasport pluriennali u multimodali.

(29) L-Italja għamlet progress notevoli fit-titjib tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika tagħha kif ukoll fl-isforzi ta' simplifikazzjoni, appoġġati wkoll mir-riformi u l-investimenti fil-qafas tal-RRP. Madankollu, għad hemm lok għal titjib. Filwaqt li 41 % tad-ditti Taljani jirrapportaw li mhumiex sodisfatti (vs 24 % tal-medja tal-UE), is-sehem taċ-ċittadini li jsibu l-proċeduri tal-amministrazzjoni pubblika kumplessi u ta' piż naqas b'14-il punt perċentwali mill-2023, u b'hekk l-Italja saret ġeneralment konformi mal-medja tal-UE (l-Italja 39 %; l-UE 38 % fl-2025). Filwaqt li sar xi progress, inkluż bis-saħħa tal-RRP, ikun importanti li jiġu msaħħa aktar l-interoperabbiltà u l-użu tal-pjattaformi kollha biex jittejbu l-ġestjoni tar-riżorsi umani, it-taħriġ u r-reklutaġġ tal-impjegati pubbliċi. It-tisħiħ tal-mobbiltà orizzontali u vertikali, u l-promozzjoni ulterjuri tal-evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni, il-progressjoni tal-karriera, it-tisħiħ tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll il-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-inklużjoni għal-livelli kollha tal-amministrazzjonijiet, f'konformità mal-impenji tal-MTFSP, ikunu ta' beneficċju wkoll. L-Italja qed tkompli bl-isforzi ta' simplifikazzjoni tagħha billi tistabbilixxi Italia Semplice, flimkien ma' sistema interoperabbli ġdida ta' skambju ta' data mal-pjattaforma eżistenti tas-sistema ta' punt uniku ta' servizz għan-negozji iżda hija meħtieġa aktar simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi, li tibni fuq l-interoperazzjonalizzazzjoni tal-pjattaformi eżistenti. Barra minn hekk, il-kapaċità amministrattiva għadha żbilanċjata fost ir-reġjuni, b'restrizzjonijiet sinifikanti fil-livell lokali, b'mod partikolari fin-Nofsinhar u f'oqsma bħad-diġitalizzazzjoni, il-kapaċità tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll bejn muniċipalitajiet iżgħar u akbar. Huwa essenzjali li tiġi żviluppata strateġija ta' kapaċità amministrattiva ġenerali u strutturali, li tibni fuq l-RRP u l-miżuri tal-politika ta' koeżjoni, inkluża l-Kapaċità tal-Programm Nazzjonali għall-Koeżjoni. Din l-istrateġija tista' tfassal għadd ta' miżuri tal-RRP li wrew li kienu effettivi fl-appoġġ tal-amministrazzjoni lokali għall-implimentazzjoni tal-proġetti tal-RRP, filwaqt li tipprevjeni li d-distakki territorjali jkomplu jikbru. Filwaqt li r-reġjuni mgħammra aħjar qed jibnu fuq l-esperjenza tal-RRP, ir-reġjuni b'inqas riżorsi, speċjalment fin-Nofsinhar, jibbenefikaw minn appoġġ aktar attiv u mmirat mill-amministrazzjoni ċentrali. Barra minn hekk, il-promozzjoni ta' forom ta' assoċjazzjonijiet amministrattivi, b'mod partikolari għal amministrazzjonijiet iżgħar, speċjalment fin-Nofsinhar, tista' tkun ta' beneficċju.

(30) Skont l-RRP, l-Italja qed timplimenta pakkett komprensiv ta' riformi biex iżżid l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja ċivili, kriminali, tal-insolvenza u tat-taxxa. Il-ħolqien ta' uffiċċji tal-proċessi kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi, li jipprovdu appoġġ organizzazzjonali u legali lill-imħallfin, ikkontribwew għal titjib fl-effiċjenza tal-qorti. Madankollu, għad baqa' sfidi. Iż-żmien ta' disponiment f'kawżi ċivili u kummerċjali fil-qrati tal-prim'istanza żdied fl-2024, u għadu fost l-itwal fl-UE. Iż-żmien meħud biex tintlaħaq deċiżjoni għal kawżi amministrattivi fil-prim' istanza naqas fl-2024, iżda għadu wieħed mill-itwal fl-UE. L-istituzzjonalizzazzjoni tal-uffiċċju tal-proċess u t-tisħiħ ta' miżuri biex tkompli titnaqqas il-pressjoni fuq il-qrati u t-tul medju tal-proċessi (pereżempju, f'setturi tal-ġustizzja mgħobbija żżejjed, bħall-Ġustizzja tal-Paċi), filwaqt li jkomplu jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' riżorsi umani (maġistrati u persunal tal-qorti) u l-kisba ta' diġitalizzazzjoni sħiħa tas-sistema ġudizzjarja, jgħinu biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema, f'konformità wkoll mal-impenji tal-MTFSP tal-Italja.

(31) L-iżgurar ta' kundizzjonijiet qafas aħjar għall-kompetizzjoni f'diversi setturi u ż-żieda fil-kompetizzjoni kemm għas-swieq kif ukoll fihom jippermettu allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi, ikunu ta' beneficċju għall-konsumaturi u jwasslu għal gwadanji fil-kompetittività u fil-produttività, u b'hekk jattiraw ukoll investimenti ġodda. Skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, l-Italja għamlet progress tajjeb f'xi setturi importanti, inkluż l-enerġija, it-trasport u s-servizzi pubbliċi lokali u mmodernizzat ir-regoli nazzjonali dwar il-kontroll tal-fużjonijiet. Inizjattivi leġiżlattivi oħra huma meħtieġa wkoll għal: (i) l-iżgurar tal-offerti kompetittivi tal-konċessjonijiet tad-distribuzzjoni tal-enerġija; (ii) it-trasport, b'mod partikolari fid-dawl tal-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi favur il-kompetizzjoni fl-oqsma tal-ferroviji, l-awtostradi u l-portijiet, u (iii) il-kura tas-saħħa, b'mod partikolari billi jiġu żgurati prinċipji favur il-kompetizzjoni u offerti miftuħa u trasparenti. Barra minn hekk, offerti miftuħa u trasparenti għal konċessjonijiet li jiskadu f'diversi setturi (inklużi dawk regolati) jiżguraw il-kontestabbiltà tas-suq. Dan iżid il-pressjoni kompetittiva fuq l-operaturi preeżistenti u jevita li l-investimenti jiddewmu, jiġu sospiżi jew mgħoddija bla bżonn lill-konsumaturi/utenti. Fl-aħħar nett, l-ostakli regolatorji jaffettwaw il-kummerċ intra-UE tal-oġġetti, bir-regoli nazzjonali dwar l-imballaġġ u t-tikkettar joħolqu piżijiet ta' konformità.

(32) L-Italja qed tiffaċċa fost l-ogħla prezzijiet tal-elettriku fl-UE minħabba d-dipendenza strutturali tagħha fuq ġenerazzjoni għalja li taħdem bil-gass. Dan, u b'mod partikolari l-proporzjon għoli tal-prezz tal-elettriku għall-gass, jirrappreżenta ostaklu ewlieni għall-elettrifikazzjoni kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-industrija. Minkejja l-potenzjal sinifikanti mhux sfruttat, it-tkabbir tal-enerġija rinnovabbli miexi bil-mod wisq biex jintlaħqu l-miri tal-2030: l-aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku fit-terminu medju. L-appoġġ kontinwu permezz ta' rkanti tal-enerġija rinnovabbli u ta' ħżin kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tar-riforma tal-permessi "Testo Unico" anke fil-livell reġjonali jappoġġaw dan l-objettiv. Sabiex it-tassazzjoni fuq l-enerġija tiġi allinjata mal-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis u r-razzjonalizzazzjoni tat-taxxi u l-imposti fuq l-elettriku, inkluż l-imposti parafiskali ("oneri generali di sistema"), inaqqsu d-diżinċentivi eżistenti għall-elettrifikazzjoni, b'mod partikolari għad-ditti u l-industrija. L-integrazzjoni ta' ishma ogħla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli teħtieġ l-aċċellerazzjoni tal-investimenti biex tissaħħaħ il-grilja tal-elettriku u jitnaqqsu l-konġestjonijiet, filwaqt li jiġi limitat l-impatt fuq il-kontijiet tal-konsumatur. Dan jinkludi l-investiment f'interkonnessjonijiet transfruntiera u l-indirizzar tad-dewmien fil-konnessjoni tal-grilja tad-distribuzzjoni. L-Italja jenħtieġ li tkompli tippromwovi wkoll il-flessibbiltà mhux fossili bħall-mekkaniżmi ta' ħżin u ta' rispons għad-domanda.

(33) L-Italja hija esposta għal impatti ekonomiċi sinifikanti minn riskji klimatiċi li qed jintensifikaw, b'mod partikolari perikli idroġeoloġiċi, u l-indikaturi disponibbli jindikaw wieħed mill-ogħla proporzjonijiet ta' ħsara minn diżastri naturali għall-PDG fl-UE. Filwaqt li sar progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Adattament Nazzjonali bl-istabbiliment tal-Osservatorju Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, il-governanza tal-politiki ta' adattament għat-tibdil fil-klima għadha frammentata fost l-awtoritajiet, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali. L-istimi disponibbli jindikaw ħtiġijiet sinifikanti ta' investiment fl-adattament għat-tibdil fil-klima matul id-deċennji li ġejjin. Ippjanar konsolidat għall-investimenti fl-adattament għat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskji idroġeoloġiċi jista' jgħin biex din il-kwistjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv. Filwaqt li l-introduzzjoni reċenti ta' assigurazzjoni obbligatorja kontra d-diżastri naturali għall-kumpaniji kkontribwiet biex jiġi indirizzat id-distakk fil-protezzjoni tal-assigurazzjoni klimatika, jenħtieġ li jiġu esplorati u implimentati soluzzjonijiet ġusti u affordabbli biex jiġi indirizzat id-distakk pendenti. Iż-żieda fl-issiġillar tal-ħamrija taggrava s-suxxettibbiltà għolja għar-riskji idroġeoloġiċi. Għalhekk, l-użu dejjem akbar ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura appoġġati mill-introduzzjoni ta' inventarju nazzjonali u integrazzjoni aktar sistemika fl-ippjanar tal-użu tal-art, jista' jkun kontromiżura effettiva.

(34) Id-defiċits infrastrutturali għall-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart, b'mod partikolari fir-reġjuni tan-Nofsinhar, għandhom impatti serji fuq it-twassil tas-servizzi pubbliċi lokali u fuq l-ambjent, b'kostijiet konsiderevoli u bi dħul mitluf mit-taxxa għall-ekonomija Taljana. Għalkemm saru investimenti sostanzjali fis-setturi tal-iskart u tal-ilma, bl-appoġġ tal-RRP u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni, huwa importanti li jiġi sostnut il-progress biex jingħalqu l-lakuni infrastrutturali.

(35) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-titjib tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fil-qasam tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lill-Italja jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.

(36) Il-kwalità strutturalment baxxa tal-impjiegi, inklużi l-pagi baxxi, l-isfidi għas-sigurtà tal-impjiegi u tal-karriera kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, għadhom ostakli kbar li jeħtieġu azzjoni deċiżiva. Minkejja ż-żidiet reċenti, l-Italja hija fost l-Istati Membri fejn il-pagi reali naqsu l-aktar mill-2019. Filwaqt li t-tkabbir fil-pagi huwa ristrett minn tkabbir strutturali baxx fil-produttività, l-istaġnar fil-pagi huwa aggravat ukoll minn dumping kuntrattwali, dewmien fit-tiġdid tal-kuntratti, u l-użu limitat ta' negozjar tat-tieni livell, b'mod partikolari fost l-SMEs u fin-Nofsinhar. Minkejja li qed jonqos, marbut mal-issikkar tas-suq tax-xogħol, is-sehem ta' impjegati b'terminu fiss għadu fost l-ogħla fl-UE. L-Italja għadha tirreġistra wkoll fost l-ogħla proporzjonijiet ta' kuntratti part-time u temporanji involontarji, li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa, liż-żgħażagħ u lill-migranti. It-tranżizzjonijiet minn impjiegi temporanji għal dawk permanenti għadhom ferm taħt il-medja tal-UE. Miżuri u inizjattivi mmirati biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u appoġġati eżiti effettivi tan-negozjar kollettiv ikunu kruċjali biex jappoġġaw żidiet adegwati fil-pagi u jtejbu l-kwalità ġenerali tal-impjiegi. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u r-rati ta' impjieg, inkluż l-impjieg part-time, jirreġistraw l-ogħla diskrepanzi meta mqabbla ma' dawk tal-irġiel fl-UE. Dan huwa xprunat mir-reġjuni tan-Nofsinhar, ikkaratterizzati wkoll mill-aktar kopertura baxxa tal-indukrar tat-tfal. Il-ħtiġijiet tal-kura fit-tul qed jiżdiedu, filwaqt li l-forniment tas-servizzi mhuwiex qed iżomm il-pass, speċjalment fir-reġjuni tan-Nofsinhar. Għalkemm sar progress sostanzjali fl-estensjoni tal-kopertura tal-indukrar tat-tfal fil-livell nazzjonali, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu estiżi s-servizzi ta' kwalità tal-indukrar tat-tfal u tal-kura fit-tul fir-reġjuni bl-aktar kopertura baxxa, filwaqt li tiġi żgurata l-affordabbiltà.

(37) Ix-xogħol mhux iddikjarat mifrux u li qed jiżdied jeħtieġ li jkompli jiġi indirizzat biex jippromwovi l-kwalità tal-impjiegi u l-kompetizzjoni ġusta fost id-ditti, filwaqt li jibni fuq ir-riformi reċenti tal-RRP. L-effettività u l-kapaċità amministrattiva tal-ispettorat tax-xogħol jenħtieġ li jiżdiedu permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba mmirati biex iżidu l-attraenza tal-professjoni u jiffaċilitaw ir-reklutaġġ, kif ukoll permezz ta' aktar kondiviżjoni tad-data u koordinazzjoni bejn l-entitajiet li jwettqu l-ispezzjonijiet. Is-setturi l-aktar affettwati, bħax-xogħol domestiku u l-agrikoltura, jibbenefikaw minn interventi mmirati, inklużi miżuri preventivi. L-isfruttament tal-ħaddiema, li jaffettwa b'mod partikolari lill-migranti, jenħtieġ li jiġi indirizzat, inkluż billi jittejjeb l-aċċess għal impjieg regolari għal dawk li diġà jinsabu fl-Italja, u jiġu żgurati protezzjoni u sensibilizzazzjoni xierqa għall-vittmi, kif ukoll billi jiġu evitati kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni mhux xierqa, b'mod partikolari għall-ħaddiema agrikoli li jgħixu f'insedjamenti informali.

(38) Il-ħiliet bażiċi tal-adulti għadhom fost l-aktar baxxi fl-UE, l-isparigġ makroekonomiku fil-ħiliet fost l-ogħla u, fl-istess ħin, il-parteċipazzjoni baxxa u li qed tonqos tal-adulti fit-taħriġ ixxekkel aktar l-iżvilupp tal-kapital uman u, b'konsegwenza l-produttività. L-Italja wettqet riformi rilevanti u investiet fl-apprendiment għall-adulti f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari fil-kuntest tal-RRF. Madankollu, għad hemm ostakli għat-taħriġ - b'mod partikolari għat-taħriġ mill-ġdid u programmi ta' taħriġ itwal. Abbażi ta' valutazzjoni soda u kontinwa tal-eżiti tal-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol u l-miżuri ta' taħriġ introdotti f'dawn l-aħħar snin, is-sistema integrata li tipprovdi appoġġ għall-qgħad, servizzi soċjali u taħriġ, jeħtieġ li tiġi appoġġata minn finanzjament sostenibbli lil hinn mill-2026. L-ostakli għall-adozzjoni tat-taħriġ, inkluż għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, jenħtieġ li jitnaqqsu aktar. Minħabba d-disparitajiet reġjonali kbar fl-eżiti tat-tagħlim għall-adulti u tal-impjiegi, huwa essenzjali li l-miżuri ta' attivazzjoni jiġu mmirati aħjar. It-titjib tal-informazzjoni dwar il-ħiliet u t-tbassir tal-ħiliet huwa kruċjali wkoll. F'dan ir-rigward, l-osservatorji reġjonali jibbenefikaw minn żvilupp ulterjuri tas-sistema integrata nazzjonali li tallinja l-provvista tal-ħiliet mad-domanda, abbażi tad-data tas-suq tax-xogħol lokali u l-ingranaġġ tal-għodod tal-IA. Il-mudell ta' governanza għat-tbassir u l-forniment tal-ħiliet jista' jissaħħaħ billi l-effettività tat-taħriġ u l-assigurazzjoni tal-kwalità jitqiegħdu fil-qalba tiegħu u billi tiġi approfondita l-kooperazzjoni fost il-fornituri tat-taħriġ, is-sħab soċjali u l-impjegaturi, abbażi, pereżempju, tal-esperjenza ta' suċċess ta' "Fondi Interprofessionali".

(39) Huwa meħtieġ sforz ulterjuri biex jiġu indirizzati l-eżiti edukattivi dgħajfa u mhux uniformi tal-Italja, u biex tittejjeb l-impjegabbiltà tal-gradwati terzjarji. Filwaqt li b'mod ġenerali naqqsu it-tluq bikri mill-iskola, l-eżiti tat-tagħlim ma rkuprawx għal-livelli ta' qabel il-pandemija u għadhom fraġli. Fin-Nofsinhar, 46 % tal-istudenti jonqsu milli jiksbu profiċjenza bażika, u l-istudenti żvantaġġati huma madwar tliet darbiet aktar probabbli li jkollhom prestazzjoni baxxa meta mqabbla mal-pari vantaġġati tagħhom. Enfasi akbar u intervent immirat fuq l-iskejjel bl-agħar prestazzjoni, inkluż inċentivi biex jiġu attirati għalliema b'esperjenza, l-espansjoni tal-edukazzjoni full-time li tingrana l-investimenti infrastrutturali tal-RRF u l-espansjoni ta' inizjattivi ta' suċċess bħall-"Piano Estate", l-Agenda Sud u l-Agenda Nord, jistgħu jgħinu. Permezz tal-ingranaġġ tal-investimenti tal-RRP, il-kurrikuli jibbenefikaw minn approċċ ibbażat fuq il-ħiliet. Wara riżultati pożittivi preliminari, valutazzjoni ulterjuri tal-proġett pilota ta' Riforma tal-Iskejjel Għolja ta' 4 Snin ser tkun ukoll kruċjali għat-tfassil ta' riforma strutturali taċ-ċiklu tal-edukazzjoni. Iż-żieda fl-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim hija kruċjali wkoll. Abbażi tar-riforma tal-professjoni tat-tagħlim tal-RRF, huma meħtieġa kundizzjonijiet tal-impjieg aktar stabbli għall-għalliema mhux statutorji, rabta aktar ċara bejn is-salarji, il-kwalifiki u l-prestazzjoni, u żvilupp u mobbiltà professjonali aktar b'saħħithom. Is-sehem tal-Italja ta' dawk bejn il-25 u l-34 sena bi kwalifika terzjarja, kif ukoll l-impjegabbiltà tal-gradwati reċenti, għadhom fost l-aktar baxxi fl-UE, xprunati minn żminijiet twal ta' gradwazzjoni, rati għoljin ta' tluq bikri mill-iskola, redditi baxxi fuq l-edukazzjoni u sparigġ kbir fil-ħiliet. Filwaqt li jibnu fuq l-isforzi tal-RRP, fosthom biex jissaħħu l-kompetenzi STEM, dawk diġitali u dawk relatati mal-IA fil-livell edukattivi kollha, flimkien mar-reviżjoni tal-kurrikuli tal-edukazzjoni sekondarja, huma meħtieġa aktar riformi, inkluż l-allinjament tas-sistema universitarja Taljana mal-istandards Ewropej billi jitrażżnu t-teħid mill-ġdid tal-eżamijiet mingħajr ħlas, jiġu introdotti rekwiżiti minimi ta' kreditu u attendenza, jiġu kkollegati l-finanzjamenti bbażati fuq il-kriterji ANVUR ([18]) mal-evalwazzjonijiet tal-korsijiet u r-rati ta' tlestija, u jiġu estiżi l-gwida għat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni sekondarja għal dik terzjarja u l-promozzjoni STEM (speċjalment fost in-nisa). L-inkorporazzjoni tal-ħiliet trażversali u orjentati lejn ix-xogħol fil-programmi universitarji u ż-żieda fl-esponiment għat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, b'mod partikolari fil-VET u fl-internships obbligatorji fil-livell universitarju, jistgħu jappoġġaw l-impjegabbiltà tal-gradwati u jqabblu aħjar il-provvista tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

([18]) ANVUR (Agenzia Nazionale di Valutazione del Sistema Universitario e della Ricerca) hija l-Aġenzija Nazzjonali Taljana għall-Evalwazzjoni tas-Sistemi Universitarji u tar-Riċerka.

(40) L-aċċess għall-kura tas-saħħa fl-Italja ddeterjora f'dawn l-aħħar snin, b'żieda fil-listi ta' stennija għas-servizzi tal-kura tas-saħħa pubblika u nefqa mill-but li taqbeż b'mod sinifikanti l-medja tal-UE, disparitajiet territorjali sinifikanti fl-għoti tal-kura tas-saħħa, kif ukoll nuqqas ta' persunal tal-kura tas-saħħa. It-tnedija tar-riforma territorjali tal-kura tas-saħħa tal-2022, li għandha l-għan li torganizza mill-ġdid is-servizzi tal-kura tas-saħħa territorjali permezz tal-faċilitajiet tas-saħħa l-ġodda, jenħtieġ li tkompli billi tiżgura t-tlestija u l-operazzjonalizzazzjoni tal-faċilitajiet il-ġodda kollha (djar tas-saħħa tal-komunità u sptarijiet tal-komunità) fir-reġjuni u l-provinċji awtonomi kollha, flimkien mal-integrazzjoni strutturali tal-persunal tal-kura tas-saħħa f'dawn il-faċilitajiet, l-użu sħiħ ta' sistemi tal-kura tas-saħħa diġitali interoperabbli biex tiġi ggarantita l-kontinwità tal-kura fl-istrutturi kollha tal-kura tas-saħħa, u finanzjament sostnut għat-telemediċina u s-servizzi tal-kura fid-djar. Ir-riforma territorjali tal-kura tas-saħħa għandha tiġi implimentata f'sinerġija mar-riforma tal-kura fl-isptarijiet tal-2015 u kkomplementata minn politiki mmirati addizzjonali biex jiġi żgurat b'mod effettiv aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa fiż-żoni interni tal-Italja. L-indirizzar tan-nuqqas ta' persunal tal-kura tas-saħħa huwa kruċjali wkoll, b'mod partikolari permezz tal-użu tal-mudell tal-ippjanar tal-forza tax-xogħol tas-saħħa biex tiġi vvalutata u antiċipata d-distribuzzjoni reġjonali, jiġu ggwidati l-investimenti mmirati u jiġu infurmati aħjar il-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-professjonisti. Barra minn hekk, l-attraenza tal-professjonijiet ewlenin, b'mod partikolari l-infermiera, it-tobba tal-familja, it-tobba tal-emerġenza, jenħtieġ li tittejjeb permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba, inċentivi għall-karriera, protezzjonijiet garantiti tas-sikurezza u legali, u korsijiet ta' speċjalizzazzjoni ta' kwalità ogħla. Fl-aħħar nett, l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' ġestjoni tal-listi ta' stennija jenħtieġ li tiġi żgurata, b'mod partikolari billi jingħelbu n-nuqqasijiet tal-pjattaforma tal-lista ta' stennija, inkluż permezz ta' mekkaniżmi mtejba għall-ġbir tad-data, u l-adozzjoni tad-digrieti rilevanti, speċjalment dawk li jiddefinixxu l-ħtiġijiet tal-persunal tal-forza tax-xogħol u l-istabbiliment ta' linji gwida tekniċi għas-sistemi ta' prenotazzjoni reġjonali (CUPs).

(41) Minkejja t-titjib reċenti, ir-riskji tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali għadhom relattivament għoljin fl-Italja, b'mod partikolari fost it-tfal u l-familji, filwaqt li d-disparitajiet territorjali qed jikbru. Il-faqar assolut jinsab f'livelli storikament għoljin f'dawn l-aħħar snin, u affettwa 8,4 % tal-unitajiet domestiċi fl-2024, inkluż 13,8 % tat-tfal. Id-distakki reġjonali huma qawwija, bl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali madwar erba' darbiet ogħla fil-Gżejjer milli fil-Grigal. Il-lakuni fil-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari għall-ħaddiema atipiċi, għal dawk li jaħdmu għal rashom, għall-persuni qiegħda u għall-persuni barra mis-suq tax-xogħol, flimkien ma' dgħufijiet persistenti fl-għoti ta' servizzi essenzjali, ikomplu jikkontribwixxu għal riskji elevati ta' faqar u esklużjoni soċjali. Minkejja xi effetti pożittivi minn benefiċċji bbażati fuq il-kontribuzzjonijiet, it-trasferimenti soċjali minbarra l-pensjonijiet inaqqsu l-faqar inqas mill-medja tal-UE u komplew jiddgħajfu fl-2025. L-iskema ta' introjtu minimu riformata (Assegno di Inclusione 2023) naqqset l-adegwatezza u l-kopertura, parzjalment ikkumpensata minn riformi fl-2025 u fl-2026. Filwaqt li l-isforzi ta' politika reċenti biex jiġu appoġġati l-familji sejrin fid-direzzjoni t-tajba, l-indirizzar tal-faqar fost it-tfal ikompli jibbenefika mill-espansjoni tal-edukazzjoni skolastika full-time u l-għoti ta' finanzjament sostenibbli lill-kantins tal-iskejjel li jibni fuq l-investimenti infrastrutturali tal-RRF u f'konformità mal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Barra minn hekk, il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar għadha fenomenu persistenti u sever, b'ambitu wiesa' biex jiġi estiż it-twassil ta' interventi ta' akkomodazzjoni l-ewwel. Fl-aħħar nett, għad hemm sfidi importanti fil-provvista tas-servizzi tal-assistenza soċjali. Miri ċari tas-servizzi, monitoraġġ aktar b'saħħtu u koordinazzjoni aħjar fil-livell nazzjonali, kif ukoll finanzjament adegwat u prevedibbli jgħinu biex jespandu d-disponibbiltà tas-servizzi u jnaqqsu l-inugwaljanzi territorjali. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tat-titjib fil-konverġenza soċjali, f'konformità mal-analiżi tal-pajjiżi tat-tieni stadju tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali ([19]).

(42) Fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, fosthom permezz tal-RRPs tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għall-Italja, ir-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (3) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' u l-għaxar rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (4) tgħin fl-implimentazzjoni tat-tmien rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (5) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' rakkomandazzjoni dar iż-żona tal-euro u r-rakkomandazzjoni (6) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro.

([19]) SWD(2026)122 – Second-stage country analysis on social convergence in line with the Social Convergence Framework (SCF), 2026.

(43) Fid-dawl tar-rieżami fil-fond tal-Kummissjoni u l-konklużjonijiet dwar l-eżistenza ta' żbilanċi, ir-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3), (4) u (6). Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta mad-dejn pubbliku. Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3), (4) u (6) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta ma' tkabbir dgħajjef fil-produttività, li b'estensjoni jappoġġa t-tkabbir tal-PDG potenzjali, u b'riżultat ta' dan jgħin ukoll għall-indirizzar tar-rakkomandazzjoni (1). Ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3), (4) u (6) jikkontribwixxu kemm għall-indirizzar tal-iżbilanċi kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, f'konformità mal-premessa 43.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Italja tieħu azzjoni fl-2026 u l-2027 biex:

1. Tiżgura li n-nefqa netta tirrispetta l-perkors korrettiv rakkomandat mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025 minħabba d-devjazzjoni reġistrata sal-2025 mill-Kummissjoni fir-rigward tal-limitu massimu tan-nefqa netta rakkomandat. Issaħħaħ l-infiq u l-prontezza ġenerali fid-difiża u s-sigurtà, filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn u l-effiċjenza fl-infiq, kif ukoll gradwalment tadatta l-baġit biex issostni nfiq strutturalment ogħla fid-difiża. Tiżgura li l-miżuri li jittieħdu biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu temporanji, immirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija u jiżguraw li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Tkompli timplimenta s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-perjodu ta' aġġustament estiż kif irrakkomandat mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025. F'konformità mal-objettivi tas-sostenibbiltà fiskali, tagħmel is-sistema tat-taxxa aktar favorevoli għat-tkabbir sostenibbli, filwaqt li tiżgura l-ġustizzja, inkluż billi tkompli tiġġieled l-evażjoni tat-taxxa u tnaqqas in-nefqiet tat-taxxa li jifdal, inklużi dawk relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud u s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Taġġorna l-valuri katastali, filwaqt li tibni fuq l-impenn tal-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju, bħala parti minn rieżami usa' tal-politiki relatati mal-akkomodazzjoni. Iżżid l-isforzi biex ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tan-nefqa pubblika. Tindirizza l-isfidi demografiċi biex ittaffi l-effetti fuq it-tkabbir potenzjali u fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, anke billi tattira u żżomm forza tax-xogħol ta' kwalità għolja, u billi tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol akbar fl-età speċjalment fin-Nofsinhar.

2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Taċċellera l-isforzi għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni għal prijoritajiet strateġiċi u flessibbiltajiet maqbula fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.

3. Tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż billi ssaħħaħ l-akkwist tal-innovazzjoni, iżżid l-enfasi tal-universitajiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka u l-karriera tar-riċerkaturi. Tippromwovi l-mobilizzazzjoni tat-tfaddil, l-espansjoni tas-swieq kapitali, u t-tkabbir u l-aggregazzjoni tad-ditti, inkluż billi tappoġġa r-rwol tal-investituri korporattivi u istituzzjonali fil-kapital ta' riskju u fl-ekwità privata, kif ukoll billi tiffaċilita kwotazzjonijiet ġodda fil-borża u l-ħruġ ta' bonds korporattivi. Timplimenta strateġija industrijali biex tnaqqas id-distakk territorjali, billi tissimplifika l-miżuri ta' politika attwali u billi tqis il-proġetti infrastrutturali ewlenin.

4. Iżżid ulterjorment l-effettività u l-kapaċità tal-amministrazzjoni pubblika u ssaħħaħ aktar il-kapaċità amministrattiva, b'mod partikolari fil-livell lokali u fin-Nofsinhar. Tkompli tnaqqas ix-xogħol b'lura u ż-żmien ta' disponiment tas-sistema ġudizzjarja. Tindirizza r-restrizzjonijiet li fadal għall-kompetizzjoni, inkluż fis-setturi tat-trasport u tal-elettriku u tindirizza l-ostakli li fadal għall-moviment liberu tal-merkanzija.

5. Thaffef l-elettrifikazzjoni u tintensifika l-isforzi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin, inkluż bl-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi tal-permessi, b'mod partikolari fil-livell sottonazzjonali, u l-investiment fil-grilja tal-elettriku. Tkompli tindirizza r-riskji relatati mal-klima u timmitiga l-impatt ekonomiku tagħhom, inkluż permezz ta' aktar koordinazzjoni istituzzjonali, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u b'assigurazzjoni klimatika li tkoprihom. Tindirizza l-ineffiċjenzi li fadal fil-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart billi tnaqqas il-lakuni infrastrutturali b'mod partikolari fir-reġjuni tan-Nofsinhar.

6. Tkompli tippromwovi l-kwalità tal-impjiegi billi tnaqqas aktar is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u tappoġġa eżiti effettivi tan-negozjar kollettiv u pagi adegwati. Tappoġġa l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż billi ttejjeb il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-aċċess għal servizzi ta' kura affordabbli u ta' kwalità, filwaqt li tqis id-disparitajiet territorjali. Tkompli bl-isforzi biex tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat. Tkompli tippromwovi l-VET u t-tagħlim għall-adulti, inkluż billi ssaħħaħ it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u l-informazzjoni dwar il-ħiliet. Ittejjeb l-eżiti edukattivi, b'enfasi fuq il-ħiliet bażiċi, u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni terzjarja. Ittejjeb l-aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, anke billi tindirizza n-nuqqasijiet fi professjonijiet ewlenin tas-saħħa. Tkompli ttejjeb il-kopertura u l-adegwatezza tal-protezzjoni soċjali kif ukoll l-aċċess għas-servizzi soċjali għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal, filwaqt li tħares is-sostenibbiltà fiskali.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HARRIS